C/2024/6857

12.11.2024

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-każ M.11778 – VREP / SÜDBG / DEKOM / DEKOM UNITED)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/6857)

1. Fil-5 ta' Novembru 2024, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— VR Equitypartner GmbH ("VREP", il-Ġermanja), ikkontrollata minn DZ Bank AG Deutsche Zentral-Genossenschaftsbank ("DZ Bank", il-Ġermanja),

— Süd Beteiligungen GmbH ("SüdBG", il-Ġermanja), ikkontrollata minn Landesbank Baden-Württemberg ("LBBW", il-Ġermanja),

— DEKOM AG u DEKOM United GmbH ("DEKOM" u "DEKOM United" rispettivament, il-Ġermanja), attwalment ikkontrollati minn Venture Security Holding GmbH (il-Ġermanja).

VREP u SüdBG se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' DEKOM u DEKOM United kollha kemm huma.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— VREP hija kumpanija ta' investiment li toffri soluzzjonijiet ta' ekwità u finanzjament simili għall-ekwità għan-negozji ta' daqs medju, u hija 100 % sussidjarja ta' DZ Bank. DZ Bank huwa bank kummerċjali u ta' investiment li jaġixxi bħala istituzzjoni ċentrali għal madwar 800 bank kooperattiv.

— SüdBG hija kumpanija ta' investiment li toffri soluzzjonijiet ta' ekwità u finanzjament simili għall-ekwità għan-negozji żgħar u ta' daqs medju fil-parti li titkellem bil-Ġermaniż, u hija 100 % sussidjarja ta' LBBW. LBBW huwa bank universali u kummerċjali ta' daqs medju, b'attivitajiet fl-oqsma li ġejjin: negozji bi klijenti korporattivi ta' daqs medju, klijenti privati, banek tat-tfaddil, finanzjament tal-proprjetà immobbli u prodotti tas-suq kapitali għall-klijenti istituzzjonali.

— DEKOM u DEKOM United joffru soluzzjonijiet ta' vidjokonferenza u ta' komunikazzjoni awdjoviżiva, li jinvolvu l-konsulenza u l-forniment ta' servizzi fir-rigward tas-swali tal-vidjokonferenza tal-klijenti. Huma attivi madwar id-dinja b'enfasi fuq l-Ewropa.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]), jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11778 – VREP / SÜDBG / DEKOM / DEKOM UNITED

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz tal-posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË